# Opinjoni Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropewdwar L-effiċjenza enerġetika tal-bini — il-kontribut ta' l-utenti (opinjoni esplorattiva)

(2008/C 162/13)

Nhar is-16 ta' Mejju 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet, b'konformità ma' l-Artikolu 262 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, li tikkonsulta lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, dwar:

*L-effiċjenza enerġetika tal-bini — Kontribut ta' l-utenti*

Is-Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrastruttura u s-Soċjetà ta' l-Informazzjoni, inkarigata sabiex tipprepara l-ħidma tal-Kumitat dwar is-suġġett, adottat l-Opinjoni tagħha nhar it- 23 ta' Jannar 2008. Ir-rapporteur kien is-Sur Pezzini.

Matul l-442 sessjoni plenarja tiegħu li nżammet it-13 u l-14 ta' Frar 2008 (seduta ta' l-14 ta' Frar), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta din l-opinjoni b'195 voti favur, u astensjoni waħda.

## 1. **Konklużjonijiet**

1.1 Il-Kumitat jagħraf li l-prestazzjoni enerġetika hija fondamentali għall-ħarsien tal-klima u ż-żamma ta' l-impenn li l-UE ħadet fi Kyoto u tal-limiti l-ġodda li ġew stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Marzu 2007, sabiex jonqsu l-emissjonijiet u jirrakkomanda li jiżdiedu l-inizjattivi mmirati lejn il-konsumaturi.

1.2 Il-Kumitat huwa konvint li hemm potenzjal kbir ta' frankar ta' l-elettriku fil-kostruzzjoni, speċjalment fejn jidħol il-konsum għal: tisħin, tkessieħ, tħaddim ta' muturi u dawl, barra mit-tekniki ta' insulazzjoni, fil-fażi tad-disinn u ta' l-użu ta' l-immobbli.

1.3 Fit-tfassil ta' miżuri biex itejbu l-effiċjenza enerġetika hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-vantaġġi li jinkisbu permezz ta' l-użu mifrux ta' innovazzjonijiet fit-teknoloġiji, li jkunu effiċjenti mill-aspett ta' spejjeż u benefiċċji, li jippermettu lill-utenti li jieħdu deċiżjonijiet li huma informati aħjar, dwar il-konsum individwali tagħhom ta' l-enerġija.

1.4 Il-Kumitat iqis li huwa essenzjali għall-utenti, li jiġu ffaċċjati b'mod aktar dirett il-problemi ta' l-informazzjoni u ta' l-iffinanzjar, sabiex jiġu żviluppati metodi innovattivi: **huwa indispensabbli li l-proprejtarji u dawk li qegħdin jikru ma jqisux dawn il-miżuri komunitarji ġodda bħala taxxa ġdida li qed tiġi imposta fuq xi beni primarju bħalma hi d-dar**

1.5 Skond il-Kumitat hemm bżonn li jiġu identifikati stimoli kulturali u inċentivi ġodda, min-naħa sabiex jikkumpensaw l-ispejjeż akbar, u min-naħa l-oħra, biex jikber l-interess -:

— fir-riċerka fid-disinn;

— fir-reviżjoni tal-metodi ta' kostruzzjoni;

— fl-użu ta' materjali aħjar li għandhom jiġu introdotti fil-proċess tal-kostruzzjoni u

— f'soluzzjonijiet ġodda strutturali.

1.6 Il-Kumitat iqis li l-ħidma tas-CEN trid titħaffef, b'konformità mal-mandat tal-Kummissjoni, li jipprevedi li jiġu stabbiliti livelli armonizzati ta' kejl tal-konsum enerġetiku għall-bini eżistenti, il-bini l-ġdid, barra minn livelli uniformi għaċ-ċertifikazzjoni u għall-proċeduri ta' l-ispezzjoni.

1.7 Il-Kumitat jisħaq fuq l-importanza li jiġu evitati limitazzjonijiet li m'humiex sostenibbli għall-Istati. Membri minħabba fil-kompetizzjoni internazzjonali u li ma jintefgħux piżijiet żejda, meta mqabbla mal-mezzi li għandhom, fuq il-proprjetarji li jikru jew li jgħixu f'dar li hi tagħhom.

1.8 L-obbligi u l-piżijiet li jiġu mill-proċess ta' ċertifikazzjoni jridu, skond il-Kumitat, jiġu akkumpanjati minn programmi pubbliċi ta' promozzjoni, sabiex ikun hemm garanzija ta' aċċess ekwu għat-titjib fil-prestazzjoni enerġetika, b'mod partikolari fil-każ tal-bini li jintuża bħala residenza, mibni jew mmexxi fil-kuntest tal-politika soċjali u ta' blokkijiet ta' appartamenti speċjalment fl-Istati Membri l-ġodda, fejn ħafna mill-blokkijiet ta' appartamenti huma bini ta' tip standardizzat; għal dan it-tip ta' bini, ċertifikati standardizzati jistgħu jintużaw.

1.9 Il-Kumitat iqis li huwa importanti li jiġu żviluppati inizjattivi komunitarji bl-iskop li jarmonizzaw l-attivitajiet ta' l-Istati Membri fir-rigward tal-prestazzjoni enerġetika, sabiex isir pass 'il quddiem lejn koerenza ikbar fl-Ewropa fir-rigward tal-kundizzjonijiet lokali.

1.10 Il-Kumitat jirrakkomanda xi miżuri li jistgħu jgħinu sabiex l-effiċjenza enerġetika tiġi promossa ma' l-utenti b'mod ġenerali u fil-bini b'mod partikolari:

— pariri b'xejn dwar l-użu ta' l-enerġija u finanzjament pubbliku ta' l-istudji tal-fattibbiltà;

— krediti fiskali u/jew sussidji li jippermettu li jsir "awditjar ta' l-użu ta' l-enerġija";

— ħelsien mit-taxxa għall-konsum ta' l-enerġija għat-tisħin, l-elettriku u t-tħaddim ta' muturi, u inċentivi ta' natura ekonomika u roħs jew rimborż għax-xiri ta' teknoloġiji effiċjenti mil-lat enerġetiku u ambjentali jew għall-installazzjoni ta' insulazzjoni aħjar għas-sħana f'bini eżistenti;

— self b'rati baxxi ta' l-interessi għax-xiri ta' tagħmir u impjanti effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija (per eżempju boilers li jaħdmu bil-kondensazzjoni, termostati individwali...) u self b'rati baxxi ta' l-interessi għal xogħolijiet permezz ta' l-ESCOs [1];

[1] ESCO =Energy Space Company

— għajnuna jew tnaqqis fiskali għall-investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jew fi proġetti pilota, bl-iskop li tiġi promossa d-disseminazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda mmirati li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fil-bini, billi jiġu sfruttati l-possibbiltajiet li joffru is-7PQ għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku, il-Programm ta' Qafas għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP 2007-13), il-programm LIFE + u l-fondi strutturali u ta' koeżjoni,

— self mill-BEI, speċjalment għar-ristrutturar sostenibbli ta' bini pubbliku jew fis-servizz pubbliku ta' daqs kbir u li qiegħed jiqdiem u għall-abitazzjonijiet soċjali,

— għajnuna għall-familji li għandhom dħul baxx u għall-pensjonanti sabiex itejbu l-effiċjenza enerġetika ta' l-abitazzjoni u self fit-tul b'rati ta' interessi baxxi, sabiex itejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini,

— pakketti standard ta' servizzi bi prezz fiss għal manutenzjoni regolari minn persunal kwalifikat ta' boilers u installazzjonijiet ta' l-arja kkondizzjonata ċentralizzati,

— il-ħolqien ta' sit web komunitarju, b'links mas-siti nazzjonali li jintlaħaq faċilment mill-utenti,

— il-ħolqien ta' materjal didattiku Ewropew, fil-lingwi kollha ta' l-UE, immirat lejn il-gruppi professjonali varji kkonċernati, dwar il-ħruġ ta' Liċenzja Ewropea tad-Dar ([2]),

— l-inklużjoni ta' temi ta' prijorità relatati ma' l-edukazzjoni fil-programmi komunitarji rilevanti: — Il-programm ta' edukazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea; is-7PQ għar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku; is-6 Marie Curie; BEI; l-Universitajiet,

— l-inklużjoni ta' materjal didattiku għall-iskejjel ta' kull livell u grad, għall-assoċjazzjonijiet professjonali u t-trejdjunjins, għall-konsumaturi u l-organizzazzjonijiet tagħhom.

1.11 Mill-perspettiva tal-konsumatur hemm bżonn, fil-fehma tal-Kumitat, li wieħed jikkunsidra l-elementi li jfixklu l-promozzjoni u l-implimentazzjoni ta' l-effiċjenza enerġetika tal-bini fl-Ewropa: diffikultajiet tekniċi, ekonomiċi, finanzjarji, legali, amministrattivi u burokratiċi, istituzzjonali u tat-tmexxija, dawk marbuta ma' l-imġiba soċjali u tfixkil minħabba f'nuqqas ta' aproċċ integrat (żbilanċji fit-tisħin u l-ikkondizzjonar ta' l-arja, nuqqas ta' konsiderazzjoni tal-faxxi klimatiċi,...).

## 2. Introduzzjoni

2.1 Fil-konklużjonijiet tas-summit ta' Brussell tat-8 u d-9 ta' Marzu 2007, il-Kunsill Ewropew,saħaq fuq "il-ħtieġa li tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija fl-UE biex jinkiseb l-objettiv ta' ffrankar ta' 20 % tal-konsum ta' l-enerġija ta' l-UE meta mqabbel ma' projezzjonijiet għall-2020", u individwa bħala oqsma prioritarji "l-imġiba effiċjenti fl-enerġija u li tiffranka l-enerġija mill-konsumaturi ta' l-enerġija, teknoloġija u innovazzjonijiet ta' l-enerġija u **l-iffrankar ta' l-enerġija mill-bini**".

([2]) Li tiċċertifika l-għarfien tal-ħtieġa ta' l-użu effiċjenti tar-riżorsi. Ara il-proposta simili dwar il-Liċenzja Ewropea tal-kompjuter.

2.1.1 Il-kwistjoni ta' l-effiċjenza enerġetika tal-bini tidħol fil-qafas ta' l-inizjattivi tal-Komunità li jirrigwardaw il-bidla fil-klima (impenn li ttieħed mal-Protokoll ta' Kyoto) u s-sigurtà tal-provvista, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Green Papers dwar is-sigurtà tal-provvista ta' l-enerġija u l-effiċjenza enerġetika, li dwarhom il-Kumitat esprima ruħhu f'diversi okkażjonijiet ([3]).

2.1.2 Il-konsum ta' l-enerġija għas-servizzi konnessi mal-bini, huwa ta' madwar 40 % ([4])tal-konsum ta' l-enerġija fl-UE.

2.1.3 Il-konsum medju tad-djar f'ħafna reġjuni Ewropej huwa ta' 180 kWh/m$^2$/sena għas-sħana biss. Dan juri li l-bini f'ħafna pajjiżi Ewropej huwa partikolarment "fqir" f'dak li jirrigwarda l-effiċjenza enerġetika.

2.1.4 Dan hu minħabba diversi fatturi. Minn banda, in-nuqqas ta' għarfien min-naħa tal-konsumaturi tad-diffikultajiet li dejjem qegħdin jikbru biex tinkiseb l-enerġija bi prezzijiet raġjonevoli; mill-banda l-oħra, it-tendenza fost il-periti, ta' l-intrapriżi tal-bini u l-ammont kbir ta' intraprendituri żgħar li jaħdmu fil-bini ([5]) li jibnu mingħajr ma jagħtu ħafna kas ta' l-effiċjenza enerġetika u li jibnu b'mod li hu ambjentalment san u li jagħtu aktar importanza lill-aspetti ta' l-estetika u l-moda li tgħaddi, bħal fil-kwalità ta' l-ippavimentar, il-lussu tat-tagħmir tal-ħasil, il-ġmiel, faċċċati miksija bil-ħġieġ, it-tip ta' materjal u d-daqs tat-twieqi.

2.1.4.1 Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota n-nuqqas ta' kuxjenza li teżisti fost l-entitatjiet amministrattivi, b'mod partikolari fl-uffiċċji ta' l-inġinerija tal-kunsilli lokali u l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika, dwar il-ħtieġa li jikkontrollaw il-konsum enerġetiku fil-bini li huma jkunu qed jeżaminaw biex jaraw humiex abitabbli, inkella m'humiex informati biżżejjed.

2.1.4.2 Madankollu, għall-kuntrarju ta' dak li jaħsbu ħafna nies, jeżistu possibbiltajiet kbar li wieħed iżid l-effiċjenza fil-konsum ta' l-enerġija, mhux biss fil-bini l-ġdid, iżda wkoll fil-bini li diġà jeżisti, u b'mod partikolari fil-blokkijiet ta' appartamenti fil-bliet ([6]).

2.1.5 F'dak li jirrigwarda r-rinnovament ta' l-infrastrutturi li jeżistu, huma importanti l-kuntratti li jistgħu jsiru ma' l-ESCOs (l-Energy Service Companies), għaliex dawn jieħdu ħsieb li

([3]) Opinjoni dwar il-Green Paper — Lejn strateġija Ewropea ta' sigurtà fil-provvista ta' l-enerġija, rapporteur: is-Sinjura Sirkeinen; (ĠU C 221 tas-7.8.2001, p. 45 dokument mhux misjub bil-Malti — Towards a European strategy for the security of energy supply) Opinjoni dwar — Il-provvista enerġetika fl-UE: strateġija għal taħlita enerġetika ottimali, rapporteur: is-Sinjura Sirkeinen; (ĠU C 318 tat-23.12.2006 p 185, dokument mhux misjub bil-Malti — A strategy for an optimal energy mix) Opinjoni dwar — L-effiċjenza enerġetika, rapporteur: is-Sur Buffetaut (ĠU C 88/53 tal-11.4.2006, dokument mhux misjub bil-Malti — Energy Efficiency); Opinjoni dwar il-Proposta ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar L-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u tas-servizzi enerġetiċi, rapporteur: is-Sinjura Sirkeinen (ĠU C 120 ta' l-20.5.2005, p.115, dokument mhux misjub bil-Malti — Energy end-use efficiency and energy services). Opinjoni Pjan ta' Azzjoni għall-Effiċjenza fl-Użu ta' l-Enerġija. Rapporteur: is-Sur Iozia, ĠU 10/22 tal-15.1.2008).

([4]) 32 % għat-trasport, 28 % għall-industrija — Sors: Kummissjoni Ewropea, DG ENTR.

([5]) Il-PGD tas-settur tal-bini jikkorrispondi għal 'il fuq min 5 % tal-PGD totali ta' l-UE.

([6]) Kieku l-konsum medju fil-bini fir-reġjuni Ewropej kellu jinżel għal 80 kWh/m$^2$/sena, jiġifieri għall-klassi D, ikun possibbli li tiġi ffrankata ħafna mill-enerġija kkunsmata mis-settur tal-bini. Dan jidħol b'mod ċar fl-ispirtu tad-Direttivi 2002/91/ KE.

jagħmlu t-titjib li hemm bżonn fil-bini eżistenti sabiex jiffrankaw, xi drabi b'mod notevoli, fuq il-kont ta' l-enerġija. Il-kumpanija titħallas bil-flus li tkun iffrankat permezz tat-tnaqqis fil-konsum ([7]).

2.1.6 Barra minn hekk, jistgħu jittieħdu diversi miżuri ta' ristrutturazzjonijiet fuq skala żgħira, bħal per eżempju persjani fuq in-naħa ta' barra tat-twieqi, l-installazzjoni ta' smart meters li jippermettu lill-konsumaturi li f'kull ħin ikunu jafu x'inhu l-konsum tagħhom; jew ta' sistemi ta' produzzjoni ta' misħun bil-gass (top boxes), li jippermettu li l-ispejjeż u l-emissjonijiet ta' gassijiet velenużi jonqsu b'40 %. Jidhru li huma effiċjenti ħafna wkoll il-mikro-sistemi ta' ventilazzjoni ta' l-arja ġewwa l-appartamenti, filwaqt li t-tip ta' materjal użat, per eżempju għal ħajt vertikali trasparenti (twieqi), jista' jnaqqas it-telf tas-sħana f'appartament b'ta' l-anqas 20 % ([8]). L-użu ta' tekniċi li jiffrankaw l-ilma fid-dranaġġ ukoll inaqqsu mill-konsum ta' l-enerġija. Huwa importanti ħafna għall-konsumaturi li jkunu jistgħu iqabblu l-konsum tagħhom ta' l-enerġija għat-tisħin. Dawk li jfornu l-enerġija għandhom jispeċifikaw x'inhi t-temperatura medja għall-post relevanti għax-xahar li qiegħed jiġi kkunsidrat, fil-kont li jibagħtu lill-konsumaturi, flimkien ma' dak għall-istess xahar tas-sena ta' qabel. B'hekk tul is-snin, il-konsumaturi jkunu jistgħu jagħrfu l-bidliet marbuta mal-klima u l-impatt li għandhom fuq il-konsum ta' l-enerġija tagħhom stess.

2.1.7 Il-KESE huwa konvint li huwa possibbli li jista' jiġi ffrankat ħafna permezz ta' inizjattivi f'dan is-settur, biex b'hekk isir kontribut lejn l-objettivi marbuta mal-bidliet klimatiċi u s-sigurtà fil-provvista enerġetika. Peress li l-ispazju ta' manuvra huwa relattivament limitat, biex wieħed ikun jista' jerġa jaġixxi fi żmien qasir jew medju, fuq il-kundizzjonijiet tal-provvista ta' l-enerġija, hemm bżonn li l-utenti jiġu influwenzati, jiġifieri:

— titjib fl-effiċjenza ta' l-użu aħħari ta' l-enerġija,

— kontroll tat-talba għall-enerġija,

— promozzjoni tal-produzzjoni ta' l-enerġija rinnovabbli ([9])

— titjib fil-ġestjoni ta' l-enerġija, bbażat ħafna fuq l-awto-kontroll.

2.1.8 Il-fatturi li jfixklu milli jiġu ffrankati u jintużaw b'mod differenti r-riżorsi ta' l-enerġija, huma ta' natura varja:

— l-approċċ kulturali,

— id-diffikultajiet sabiex titmexxa l-bidla,

— in-nuqqas ta' għarfien tan-Know-how,

— n-nuqqasijiet fil-politika fiskali,

— n-nuqqas ta' sħubijiet imprenditorjali,

— n-nuqqas ta' informazzjoni.

2.1.9 Fil-kostruzzjoni hemm potenzjal kbir ta' frankar ta' l-enerġija, speċjalment fejn jidħol il-konsum għat-tisħin, it- tħaddim ta' muturi u d-dawl, fil-fażi ta' l-użu ta' l-immobbli. Dan jidher f'dak li nsejħulu bini passiv ([10]), li jippermetti li jiġu sfruttati l-opportunitajiet kbar ta' frankar, biex b'hekk jagħti spinta qawwija lill-innovazzjoni u l-kompetittività tal-Komunità, minħabba fl-attenzjoni li dejjem tiżdied għall-iżvilupp u l-użu ta' teknoloġiji ġodda, li huma aktar effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija.

2.1.10 L-iskopijiet strateġiċi tal-politika enerġetika jimmiraw li:

— jnaqqsu l-emissjonijiet li jniġġsu u li jbiddlu l-klima, fir-rispett tal-partikolaritajiet ta' l-ambjent u t-territorju,

— jippromovu t-tkabbir tal-kompetittività tas-sistema immobbiljari, ta' l-industrija u tat-teknoloġiji l-ġodda ta' l-enerġija.

— tingħata attenzjoni lill-aspetti soċjali u ta' ħarsien tas-saħħa taċ-ċittadini marbuta mal-politiki ta' l-enerġija.

2.1.11 Mill-banda l-oħra, fit-tfassil ta' miżuri li jtejbu l-effiċjenza enerġetika hemm bżonn li jiġu kkunsidrati l-vantaġġi li jinkisbu permezz ta' l-użu mifrux ta' innovazzjonijiet fit-teknoloġiji, li jkunu effiċjenti mill-lat ta' spejjeż u benefiċċji. Jekk l-utenti jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni biżżejjed, ikunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet li huma informati aħjar, dwar il-konsum individwali tagħhom ta' l-enerġija: informazzjoni dwar il-miżuri previsti għat-titjib ta' l-effiċjenza enerġetika; paraguni bejn il-profili ta' l-utenti; tekniċi oġġettivi speċifiċi li jirrigwardaw it-tagħmir li juża l-enerġija ([11])

2.1.12 It-tipi kollha ta' informazzjoni marbuta ma' l-effiċjenza enerġetika, fuq kollox marbuta ma' l-ispejjeż għandhom jiġu mxandra, fil-forom adattati, fost dawk li huma interessati. L-informazzjoni trid titratta wkoll aspetti finanzjarji u legali, u jrid jitwasslu permezz ta' kampanji ta' komunikazzjoni u promozzjoni li jippermettu li wieħed jieħu viżjoni wiesgħa ta' l-aħjar prattiċi fil-livelli kollha.

2.1.13 Il-miżuri li jillimitaw ruħhom għall-aspetti tekniċi huma bżonnjużi, imma waħedhom mhux biżżejjed biex inaqqsu l-konsum enerġetiku fil-bini. Hemm bżonn li ssir riflessjoni dwar l-interazzjoni, pjuttost kumplessa bejn l-univers vast u varjat ta' l-utenti u l-iżvilupp kontinwu tat-teknoloġija.

2.1.14 Fil-qafas tal-programm preċedenti għall-enerġija intelliġenti 2003-20006, ġiet żviluppata l-inizjattiva ta' pjattaforma tal-bini EPBD ([12]), li tforni servizzi sabiex tiffaċilita l-applikazzjoni tad-direttiva 2002/91/KE dwar l-effiċjenza enerġetika fil-bini, li daħlet fis-seħħ kompletament fil-bidu ta' l-2006. Id-direttiva fiha dawn id-dispożizzjonijiet, li jgħoddu għall-Istati membri:

— ir-rekwiżiti u l-metodu tal-kalkolu tal-prestazzjonijiet enerġetiċi komplessivi tal-bini,

([7]) Fil-preżent jeżistu tliet tipi ta' kuntratt: il-kuntratt ta' ħlas totali limitat; Il-kuntratt ta' qsim tal-flus iffrankati (shared savings contract); Il-kuntratt ta' qsim ta' flus iffrankati bi kwota garantita.

([8]) Dan jintlaħaq permezz ta' twieqi b'emissjonijet baxxi, magħmula minn żewġ pannelli tal-ħġieġ b'saff ta' gass nobbli bejniethom (krypton, kseno u argon).

([9]) Il-potenzjal tal-kontribut tax-xemx bħala sors rinnovabbli: ir-radjazzjoni interċettata tax-xemx mid-dinja hija ta' 177 000 TW; ir-radjazzjoni tax-xemx fuq l-art hija ta' 117 000TW; il-konsum globali ta' l-enerġija primarja hija ta' 12 TW (sors: Università ta' Bergamo, fakultà ta' l-inġinerija).

([10]) Jissejjaħ "passiv" il-bini li l-konsum enerġetiku tiegħu huwa ta' inqas minn 1 515 KWh/m$^2$/sena.

([11]) Xi aspetti minn din l-informazzjoni utli suppost li diġà ngħataw lill-utenti b'konformità ma' l-artikolu 3(6) tad-direttiva 54/2003KE

([12]) EPBD — European Energy Performance of Buildings Directive.

— ir-rekwiżiti komuni li jrid jikkonforma magħhom il-bini l-ġdid fl-UE,

— ir-rekwiżiti minimi tal-prestazzjonijiet, mitluba mill-bini l-kbir li jeżisti, f'każ ta' xogħolijiet importanti ta' ristrutturazzjoni,

— iċ-ċertifikati ta' l-enerġija li huma obbligatorji għall-bini l-ġdid li jkun qiegħed jitla' għall-bini li jkun qed isirlu xogħol ta' ristrutturazzjoni importanti, u għall-appartamenti kollha li jkunu ser jibdlu l-okkupanti [13],

— l-ispezzjonijiet regolari tal-boilers, ta' l-impjanti ta' l-arja kkondizzjonata fil-bini u l-kontroll ta' l-installazzjonijiet għat-tisħin, fejn il-boilers għandhom 'il fuq minn 15 il-sena.

2.1.15 Mil-lat tekniku, huwa fundamentali li ċ-ċittadini u l-konsumaturi jindunaw li hemm bżonn ta' approċċ integrat, li jqis aspetti differenti fosthom:

— il-kwalità ta' l-iżolament tas-sħana,

— it-tip ta' installazzjoni ta' tisħin u kondizzjonament,

— l-użu ta' sorsi rinnovabbli,

— l-orjentazzjoni ta' l-immobbli.

— il-prevenzjoni ta' problemi ta' l-umdità u l-formazzjoni tal-moffa.

2.1.15.1 Essenzjalment, l-indikaturi fundamentali huma tnejn:

— **Il-ħtieġa enerġetika speċifika tal-qoxra:** li tista' tistima l-prestazzjoni tal-qoxra, li tippremetti li tnaqqas it-telf ta' sħana fix-xitwa u tillimita is-sħana żejda fis-sajf,

— **il-ħtieġa speċifika totali ta' enerġija primarja:** li tippremetti li tivvaluta wkoll l-effiċjenza tas-sistema ta' l-impjanti, li għadha r-rwol li tittrasforma l-enerġija primarja f'kumdità ta' l-abitazzjoni u servizzi varji.

2.1.16 L-objettiv ta' limitazzjoni tal-konsum enerġetiku u ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet li jniġġsu u li jibdlu l-klima jrid jitwettaq permezz ta' politiki li huma mmirati li:

1. jappoġġjaw miżuri ta' iżolament tas-sħana (miżuri passivi) b'titjib sostanzjali fit-teknoloġiji ta' l-installazzjonijiet (miżuri attivi);

2. jestendu l-iskala u d-daqs tal-miżuri ta' ffrankar ta' l-enerġija;

3. jintegraw is-sorsi rinnovabbli f'sistemi "ibridi" b'effiċjenza għolja;

4. jagħtu fiduċja lis-sistemi innovattivi: solar-cooling**; mikrokoġenerazzjoni (micro CHP); triġenerazzjoni; pompi tas-sħana u impjanti ibridi** [14]

[13] F'kas ta' akkwist, bejgħ, kiri u wirt.

[14] **Konċentrazzjoni enerġetika medja:** panewijiet solari: ~ 0,2 kW/m$^2$; turbina tar-riħ: ~ 1-2 kW/m$^2$; magna idrawlika: ~ 5 000 kW/m$^2$; magna termika: ~ 10 000 kW/m$^2$; (Sors: l-Università ta' Bergamo, fakultà ta' l-inġinerija).

2.1.17 Il-programmi tal-Komunità għar-riċerka u l-innovazzjoni għandhom rwol determinanti fl-iżvilupp ta' l-effiċjenza enerġetika tal-bini, fir-rigward ta' l-iskop teknoloġiku li jiġi żviluppat bini intelliġenti li ma jaħlix enerġija, anzi li "jagħti l-enerġija" jiġifieri jipproduċi aktar enerġija milli jikkonsma, billi juża s-sorsi ta' enerġija alternattivi l-aktar komuni, jiġifieri dawk tax-xemx, ir-riħ u dik ġeotermika.

2.1.18 Fil-livell Komunitarju, barra mill-programm ta' qafas li ssemma hawn fuq għall-Kompetittività u l-Innovazzjoni (CIP), għandu rwol determinanti ta' sostenn għall-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa, is-seba' programm ta' qafas għar-RTŻ, li jipprovdi prijorità tematika partikolari fil-qasam tal-programm speċifiku ta' kooperazzjoni.

2.1.19 L-istandardizzazzjoni teknika Ewropea fis-settur ta' l-effiċjenza enerġetika tal-bini għandha rwol fundamentali. Il-CEN — Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni — irċieva mandat mill-Kummissjoni sabiex jiżviluppa l-istandards tekniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tad-direttiva msemmija hawn fuq dwar l-iffrankar ta' l-enerġija fil-bini [15] Il-mandat jipprevedi:

— standards armonizzati ta' kejl tal-konsum enerġetiku għall-bini eżistenti,

— standards armonizzati għall-bini ġdid li jitla',

— standards uniformi ta' ċertifikazzjoni,

— standards komuni għall-proċeduri ta' ispezzjoni.

2.1.20 Ġew elaborati kważi 30 standard Ewropew (CEN) [16] L-Istati membri diġà kkonfermaw li għandhom l-intenzjoni li japplikaw dawn l-istandards fuq bażi volontarja. Kemm-il darba jirriżulta li l-konformita volontarja għan-normi mhux qed isseħħ, ikun il-każ li l-istandards isiru obbligatorji permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi adegwati.

2.1.21 Fi kwalunkwe każ, hija r-responsabbiltà tal-Kummissjoni li tforni l-Istati Membri bl-istrumenti meħtieġa għall-iżvilupp ta' metodoloġija integrata u uniformi tal-kalkolu tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini. La darba l-Istati membri jistabbilixxu l-eżiġenzi minimi fir-rigward ta' l-effiċjenza enerġetika, dawn

[15] Ara nota 16 għall-istandards ta' riferiment tal-UN-CEN/CENELEC, li tfasslu s'issa.
http://www.cen.eu/cenorm/sectors/sectors/utilitiesandenergy/index.asp

[16] EN ISO 6946 Komponenti u elementi għall-bini; EN 10339 Sistemi ta' l-arja kkundizzjonata għall-kumdità fil-bini; EN 10347 Tisħin u kkundizzjonar tal-bini; EN 10348 Tisħin tal-bini; EN 10349 Tisħin u kkundizzjonar tal-bini; EN 13465 Ventilazzjoni tal-bini; EN 13779 Ventilazzjoni tal-bini mhux residenzjali; EN 13789 Prestazzjoni termika tal-bini; EN ISO 13790 Prestazzjoni termika tal-bini; EN ISO 10077 Prestazzjoni termika ta' l-apperturi; EN ISO 10077-2 Prestazzjoni termika ta' l-apperturi; EN ISO 13370 Prestazzjoni termika tal-bini; EN ISO 10211-1 Pontijiet termiċi fil-bini; EN ISO 10211-2 Pontijiet termiċi fil-bini; EN ISO 14683 Pontijiet termiċi fil-kostruzzjonijiet tal-bini; EN ISO 13788 Prestazzjoni igrometrika tal-komponenti u ta' l-elementi tal-bini; EN ISO 15927 Prestazzjoni igrotermika tal-bini; EN ISO 13786 Prestazzjoni termika tal-komponenti għall-bini; EN 10351 Materjal tal-kostruzzjoni; EN 10355 Ħitan u pavimentar ta' l-art; EN 410 Ħġieġ fil-bini. Determinazzjoni tal-karatteristiċi ta' luminożità u solari tal-ħġieġ; EN 673 Ħġieġ fil-bini. Determinazzjoni tat-trażmissjoni termika (valur U); EN ISO 7345. Iżolament termiku. Kwantitajiet fiżiċi u definizzjonijiet.

iridu jiġu riflessi fiċ-"ċertifikati ta' effiċjenza enerġetika", essenzjalment dawn huma marki li jiġu attribwiti lill-bini, bħal dawk tat-tagħmir domestiku. Madankollu, iċ-ċertifikati għall-bini huma aktar elaborati u kumplessi u huma akkumpanjati minn rakkomandazzjonijiet sabiex titjieb il-prestazzjoni.

2.1.22 Il-proġetti ta' riċerka wrew biċ-ċar li, barra mill-installazzjonijiet tekniċi li jkun mgħammar bih il-bini, l-imġiba tannies li jużaw l-immobbli (bħala post ta' residenza jew post taxxogħol matul il-ġurnata) fejn tidħol attenzjoni akbar jew inqas għall-iffrankar hija fattur deċiżiv u determinanti għall-konsum enerġetiku.

2.1.22.1 Għal dan l-iskop jidher importanti li tinfirex kultura ta' lbies li huwa aktar addattat mat-temperaturi għoljin, per eżempju jiġi evitat l-użu tal-ġlekk u l-ingravata fis-sajf ([17]) u ħwejjeġ tax-xitwa adattati li jippermettu li t-temperatura ġewwa l-appartamenti u l-uffiċċji tkun ta' madwar 20, 21 grad ċentigradu ([18])

2.1.23 Id-direzzjoni tad-dar ukoll tinfluwenza fuq il-kwantità ta' sħana li hi meħtieġa biex tkun komda għal min jgħix fiha. Il-konsum enerġetiku pro-kapita għat-tisħin tad-djar fuq żewġ sulari li huma fuq l-istess naħa jista' jvarja b'fattur ta' 2.5 (u b'fattur ta' 3 għal djar b'erba faċċati), filwaqt li l-konsum ta' l-elettriku jista' jvarja b'fattur li jista' jiġi mmultiplikat b'4-5 darbiet.

2.1.23.1 Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, il-liġijiet eżistenti għandhom jiżdidulhom xi dispożizzjonijiet dwar l-effiċjenza enerġetika, mhux biss tal-bini, iżda wkoll taż-żoni abitattivi.

2.1.24 Sa' mill-età ta' l-iskola ([19]), iċ-ċittadini għandhom isiru dejjem aktar konxji li d-dar tagħhom għandha bżonn ta' kwantità kbira ta' enerġija primarja għal:

— it-tisħin xitwi,

— il-kundizzjonar ta' l-arja fis-sajf,

— it-tisħin ta' l-ilma sanitarju sħun,

— it-tħaddim tal-liftijiet,

— id-dawl,

— it-tħaddim tat-tagħmir domestiku,

u tal-fatt li parti minn din l-enerġija tista' tiġi ffrankata ([20]) bi ftit attenzjoni u rieda tajba.

([17]) Ara d-deċiżjoni tal-prim ministru ġappuniż.

([18]) It-temperatura tas-serra ta' Brussell ma tkunx għola minn 21° C fix-xitwa.

([19]) Il Joule, bħala unità ta' kejl ta' l-enerġija, u l-Watt (joule/sekonda), bħala unità ta' kejl tal-qawwa tad-dawl, iridu jidħlu mal-kunċetti ta' metru, litru u kilogramma fil-proċessi edukattivi.

([20]) Fost it-tipi differenti ta' enerġija, l-aktar waħda ekonomika hija **dik iffrankata**!

2.1.25 L-utenti ta' spiss iridu jieħdu deċiżjonijiet importanti dwar l-investiment li jridu jagħmlu biex, per eżempju jirristrutturaw id-dar jew jagħmlu xi bidliet importanti waqt il-fażi ta' pjanar jew bini. Anke d-deċiżjoni li wieħed jinvesti f'teknoloġiji ġodda għandha impatt qawwi fuq il-prestazzjoni enerġetika tal-bini billi tiġi ffrankata ħafna enerġija, per eżempju:

— il-materjali li jżidu l-iżolament,

— l-aperturi (bibien jew twieqi) li għandhom trasmittenza aħjar ([21])

— il-mekkaniżmi ta' protezzjoni solari, bħal per eżempju sempliċement persjani,

— l-għażla jew l-aġġustament tas-sistema tat-tisħin ([22])

— l-installazzjoni ta' sistemi integrattivi bħal dawk fotovoltajċi, it-tisħin mix-xemx, u sistemi ta' tisħin ġeotermali orizzontali jew vertikali ([23])

— il-prevenzjoni ta' problemi ta' l-umdità u l-formazzjoni tal-moffa.

2.1.26 Huwa ċar li jekk jinbidel il-qafas ta' riferiment, li s'issa ġeneralment intuża, ikunu jistgħu jiġu identifikati stimoli kulturali u inċentivi ġodda, min-naħa sabiex jikkumpensaw l-ispejjeż akbar, u min-naħa l-oħra, biex jikber l-interess:

— fir-riċerka fid-disinn;

— fir-reviżjoni tal-metodi ta' kostruzzjoni;

— fl-użu ta' l-aħjar materjali li għandhom jiġu introdotti fil-proċess tal-kostruzzjoni u

— fid-disinji strutturali ġodda għall-installazzjoni tal-panewijiet solari ([24])

— fl-identifikazjoni ta' l-aħjar pożizzjonijiet għall-installazzjoni tal-panewijiet fotovoltajċi,

— il-valutazzjoni li ssir qabel għall-użu tas-sistemi ġeotermiċi vertikali u orizzontali.

([21]) Il-valur tat-trasmittenza huwa ddestinat li dejjem aktar jilħaq u jissupera il-valur estetiku tal-komponenti ta' l-immobbli.

([22]) Boiler li jaħdem bil-kondensazzjoni għandu rendiment ta' 120 % meta mqabbel ma' boiler tradizzjonali, li għandu rendiment ta' madwar 80 %.

([23]) Is-sistema ġeotermali vertikali hija bbażata fuq il-prinċipju li t-temperatura tad-dinja hija ogħla fil-fond tagħha, u għalhekk kwantità ta' ilma li tintbagħat f'ċertu profondità minn ġo tubu, wara titla' b'temperatura ogħla, u għalhekk tkun tinħtieġ inqas sħana sabiex tilħaq it-temperatura meħtieġa biex issaħħan il-postijiet. Is-sistema ġeotermika orizzontali tippermetti li tiġi sfruttata t-temperatura kostanti li d-dinja għandha f'fond ta' 4-5 metri u, għalhekk, tippermetti li l-ilma jkun ta' temperatura ogħla minn dak ta' l-ambjent ta' barra, f'serpentina li tippoġġa f'dan il-livell. B'hekk id-delta termiku ikun inqas għoli. Hija differenti ħafna l-kwantità ta' sħana li hemm bżonn biex kwantità ta' ilma titla' minn 14°C għal 30°C flok minn 6°C għall-istess 30°C.

([24]) Solar Cooling: l-enerġija solari tista' tintuża biex tiġġenera l-produzzjon ta' l-arja kkondizjonata friska, bi frankar ta' l-enerġija notevoli. Il-proċess huwa bbażat fuq mekkaniżmu li jkessaħ filwaqt li jassorbi s-sħana. L-użu ta' **kolletturi solari** bħala ġeneraturi ta' qawwa termika li tintuża biex jaħdmu magni ta' tkessiħ u assorbiment, jippermettu li jiġu użati l-panewijiet fil-perjodi l-aktar qawwija ta' xemx

2.1.27 Fost l-inċentivi, għandhom jiġu kkunsidrati dawn li ġejjin:

— iż-żieda taż-żona li tista' tinbena,

— it-tnaqqis fuq it-taxxi ta' proġetti ta' bini u rinnovazzjoni,

— it-tħaffif tal-proċeduri tal-permessi tal-bini,

— il-konsiderazzjoni għall-ħxuna akbar li hemm bżonn sabiex struttura opaka wieqfa (ħajt) tiġi miksija bi strat ta' materjal iżolanti,

— l-għoti ta' tikketti ta' kwalità fuq il-bażi ta' kemm jiġi ffrankat.

2.1.28 Il-miżuri kollha li jridu jiġu adottati biex l-enerġija tiġi ffrankata b'mod sinifikanti hemm bżonn li jqisu li l-parti l-kbira ta' l-Ewropej jgħixu f'bini li diġà jeżisti u li l-bini l-ġdid huwa biss persentaġġ baxx.

2.1.29 Fl-immobbli mikrija, waħda mill-problemi hi li ġeneralment huwa l-proprjetarju li jrid iħallas l-ispiża għat-tibdil li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika (per eżempju aperturi ġodda, boilers effiċjenti, installazzjonijiet għall-produzzjoni ta' enerġija nadifa), iżda huma l-utenti li jibbenefikaw mit-tnaqqis fl-ispejjeż li jirriżultaw.

2.1.30 Wieħed jista' jevita l-problema permezz tal-metodu tal-"**finanzjament minn terzi**" ([25]) Dan jikkonsisti f'li **jiġu ffavoriti** l-interventi intisi li jiffrankaw l-enerġija fl-immobbli, li jsiru minn soċjetajiet b'rabtiet ma' istituti ta' kreditu u **fil-ħlas lura**, għal numru stipulat ta' snin ta' l-investiment mid-differenza bejn l-ispiża li naqset minħabba fl-intervent u dik li kieku kienet titħallas medjament, f'dawk is-snin, li kieku ma sarux l-interventi.

2.1.31 Sistema valida ta' finanzjament, użat fil-pajjiżi industrijalizzati, u li tista' tiġi appoġġjata u mxerrda hija l'hekk imsejħa ġestjoni tat-talba ta' l-enerġija (Demand Side Management — DSM). Is-soċjetajiet li jipproduċu jew ifornu l-enerġija jinvestu fi proġetti ta' rinnovazzjoni relatati ma' l-użu ta' l-enerġija tal-bini li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Il-flus li jiġu ffrankati wara l-interventi jkopru l-ispejjeż li jkunu saru.

2.1.32 Huwa ċar li s-sistema tista' titjieb jekk ikun hemm qafas legali adegwat li jinkoraġġixxi lil dawk li jfornu l-enerġija sabiex jinvestu f'xogħolijiet ta' rinnovazzjoni fis-sistemi tas-sħana tal-bini li fih joffru l-provvista tas-sħana.

2.1.33 Il-kwistjoni kumplessa ta' l-iffrankar ta' l-enerġija filbini residenzjali teżisti bl-istess mod fil-parti l-kbira ta' l-Istati Membri l-ġodda ta' l-Unjoni, l-ispejjeż u l-kumplessità ma jistgħux jispiċċaw f' ħoġor l-utenti u l-pubbliku. Ir-Repubblika Ċeka, per eżempju, għażlet li tuża parti mill-fondi li rċeviet mill-politika tal-koeżjoni, għal xogħolijiet ta' rinnovazzjoni tal-bini residenzjali.

2.1.34 Ir-rinovvazzjoni, li saret b'attenzjoni għall-użu ta' l-enerġija, tidħol fis-settur ewlieni li fih hemm bżonn li tittieħed azzjoni. L-objettiv ta' limitazzjoni tal-konsum enerġetiku u ta' l-emissjonijiet ta' gassijiet li jniġġsu jrid jitwettaq permezz ta' politiki li huma mmirati li:

— jappoġġjaw miżuri ta' iżolament tas-sħana (miżuri passivi) bit-titjib meħtieġ fit-teknoloġiji ta' l-installazzjonijiet (miżuri attivi),

— jestendu l-iskala u d-daqs tal-miżuri ta' ffrankar ta' l-enerġija anke permezz ta' politiki li jipprovdu għajnuniet finanazjarji u urbanistiċi,

— jinfirxu s-sistemi "ibridi", jiġifieri li jintegraw l-enerġija tradizzjonali ma' l-użu ta' l-enerġija alternattiva jew nadifa, sabiex jonqos l-użu tal-karburanti fossili.

2.1.35 Biex tkun effettiva, politika li timmira li tiffranka l-enerġija mill-bini, barra milli trid tinvolvi liċ-ċittadini, trid tinvolvi wkoll lill-assoċjazzjonijiet tal-professjonisti u l-imprendituri varji fid-diversi setturi, jiġifieri:

— assoċjazzjonijiet tal-professjonisti,

— promoturi ta' l-ippjannar li jirrispetta l-ambjent u li hu bijoklimatiku,

— manager tal-proġett,

— manager ta' l-enerġija,

— kumpaniji ESCO,

— kumpaniji tal-kostruzzjoni,

— aġenziji immobbiljari,

— industriji tal-manifattura li jaħdmu għall-kostruzzjoni.

— dawk li jfornu servizzi u manutenzjoni.

## 3. Is-sitwazzjoni preżenti

### 3.1 *Is-sitwazzjoni preżenti fil-livell ta' l-UE*

3.1.1 L-objettiv ta' tisħiħ fl-effiċjenza enerġetika fil-bini huwa s-suġġett ta' diversi dispożizzjonijiet komunitarji, fosthom: id-direttiva dwar il-prodotti tal-kostruzzjoni ([26]) ta' l-1989 u għall-parti li tirrigwarda l-kostruzzjoni, d-direttiva SAVE ta' l-1933 ([27]), id-direttiva dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' l-enerġija fil-bini ta' l-1993 ([28]), id-direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika tal-bini (EPBD) ta' l-2002 ([29]), id-direttiva 2005/32/KE dwar it-twaqqif ta' qafas għall-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet għad-disinn

([25]) Dan hu suġġett ta' rakkomandazzjoni ta' l-UE fl-artikolu 4 tad-Direttiva 93/76/KEE (ĠU L237 tat-22.9.1993, pġ. 28). F'dan il-każ din hija soluzzjoni teknika-finanzjarja li tiġi applikata fil-forma ta' kuntratt li jipprevedi li jingħata servizz komplut ta' audit, finanzjament, installazzjoni, ġestjoni u manutenzjoni ta' l-installazzjonijiet teknoloġiċi minnaħa ta' soċjetà esterna li komunenment tissejjaħ ESCO (Energy Saving Company) u mitluba li tħallas –investiment sabiex isiru installazzjonijiet ġodda, b'ipoteka għal ċertu numru ta' snin fuq parti mill-valur ekonomiku ta' tfaddil enerġetiku previst wara l-intervent. Ara Anness.

([26]) Id-Direttiva 89/106/KEE.
([27]) Id-Direttiva 93/76/KEE.
([28]) Id-Direttivi 93/76/ KEE, u 2006/32/KE, revokata mid-direttiva 2006/32/KE.
([29]) Id-Direttiva 2002/91/KE.

eko-kompatibbli tal-prodotti li jużaw l-enerġija ta' l-2005 ([30]), id-direttiva dwar l-effiċjenza ta' l-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi ta' l-enerġija ta' l-2006 ([31]), filwaqt li jeżistu provvedimenti leġislattivi numerużi għal prodotti bħad-direttiva dwar il-boilers ([32]), it-tagħmir ta' l-uffiċċji ([33]), it-tagħmir tad-dar b'tikketti tal-konsum enerġetiku ([34]), il-prestazzjoni enerġetika tal-fridges ([35]), alimentaturi tal-lampi fluworexxenti ([36]). Id-direttiva EPBD ta' l-2002tirrigwarda speċifikament, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika tal-bini residenzjali u mhux, kemm ġdid kif ukoll eżistenti.

3.1.2 L-iskadenza għat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva ġiet stabbilita għall-4 ta' Jannar 2006, iżda diversi Stati membri talbu u ngħataw deroga ([37]), filwaqt li għal oħrajn hemm għaddejja proċedura ta' infrazzjoni mill-Kummissjoni minħabba nuqqas ta' traspożizzjoni jew traspożizzjoni żbaljata ([38]). Madankollu, fl-Istati membri kollha l-ħruġ tal-kriterji għaċ-ċertifikat ta' l-enerġija għandu jsir sa' l-aħħar ta' l-2007.

3.2 *Is-sitwazzjoni preżenti skond it-tip ta' dar u l-klima*

3.2.1 Skond il-KESE, sabiex tiġi ffaċjata b'mod sħiħ il-kwistjoni tal-kontribut ta' l-utenti lejn l-effiċjenza enerġetika fil-bini, hemm bżonn li joħorġu fid-deher il-partikolaritajiet taż-żoni l-kbar milquta fl-UE, b'mod partikolari:

— it-tipi differenti ta' bini,

— il-kuntesti klimatiċi differenti

3.2.2 **It-tipi differenti ta' bini.** Fl-Istati membri l-ġodda u fil-ħames Länder tal-lvant tal-Ġermanja, hemm potenzjal kbir ta' ffrankar fl-enerġija fil-bini, mqabbel mal-bini li hemm fl-UE tal-15.

3.2.2.1 Il-bini f'dan it-territorju huwa fil-parti l-kbira frott ta' l-għażliet ta' l-ippjanar urbanistiku wara t-tieni gwerra dinjija, bbażat fuq l-użu ta' komponenti pre-fabbrikati li bihom saru strutturi kbar fuq diversi sulari, li jilqgħu ħafna familji, u li kienu jużaw il-produzzjoni fil-massa u ta' malajr u soluzzjonijiet teknoloġiċi li kienu omoġenei, standardizzati u ċentralizzati. Barra minn hekk, għal-perjodi twal, dan il-bini ma sar fuqu l-ebda xogħol ta' manutenzjoni jew ristrutturazzjoni ([39])

3.2.2.2 Fir-Romanija, per eżempju, fl-2002 ingħaddew 4,819,104 binja residenzjali. Il-blokkijiet tad-djar kienu 83,799, b'2,984,577 appartament, madwar 60 % ta' l-appartamenti kollha li jeżistu. Barra minn hekk, 53 % tal-bini għandu 'l fuq minn 40 sena; 37 % għandu iktar minn 20 sena; 10 % biss għandu inqas minn 10 snin.

3.2.2.3 Fil-każ tal-blokkijiet kbar tad-djar, kif ġeneralment wieħed isib fil-pajjiżi kollha ta' dak li qabel kien il-blokk Sovjetiku, sistema ċentralizzata tiggarantixxi l-parti l-kbira ('il fuq minn 95 %) ta' l-enerġija għas-sħana, il-ventilazzjoni u l-misħun. L-istudji li saru fl-2005 fuq dan it-tip ta' immobbli ippermettew li jiġi identifikat potenzjal ta' ffrankar fl-enerġija ta' bejn it-38-40 %.

3.2.2.4 Dan it-telf kbir ta' enerġija huwa minħabba, minnaħa, l-utenti: kwalità ħażina tal-materjali; iżolament termiku mhux suffiċjenti; teknoloġiji qodma li jaħlu ħafna; sistemi tas-sħana obsoleti; lampi tad-dawl li jikkunsmaw ħafna; sistemi tal-kombustjoni b'effiċjenza baxxa; pompi ta' kwalità ħażina, eċċ.; min-naħa l-oħra, hemm telf kbir minħabba f'ġestjoni ta' l-enerġija li mhix effiċjenti, b'telf importanti ([40]) li, fl-aħħar mill-aħħar, jitħallas mill-konsumaturi. Fost il-possibbiltajiet kollha li jeżistu, **l-effiċjenza enerġetika hija l-aktar waħda aċċessibbli, l-inqas li tniġġes u l-inqas li tiswa.**

3.2.3 Żoni klimatiċi

3.2.3.1 Fiż-żoni klimatiċi ewlenin ta' l-Ewropa tat-tramuntana u tan-nofsinhar, il-konsum medju fis-settur residenzjali huwa ta' 4,343 kWh/sena ([41]), l-użu prinċipali ta' din l-enerġija huwa s-sħana, li jikkonsma komplessivament 21.3 % tat-talba għall-elettriku, minkejja li hu lokalizzat l-aktar fil-pajjiżi tat-Tramuntana u taċ-ċentru ta' l-Ewropa. Wara jiġi l-ammont ta' enerġija li jużaw l-fridges u l-friżers (14.5 %) u għad-dawl (10.8 %).

3.2.3.2 Fil-pajjiżi tan-nofisnhar ta' l-Ewropa (l-Italja, Spanja, il-Portugall, l-Islovenja, Malta, il-Greċja, Ċipru u n-nofsinhar ta' Franza), wieħed mill-akbar fatturi fiż-żieda tal-konsum tad-dawl huwa t-tixrid mgħaġġel ta' l-użu ta' l-ikkondizzjonar ta' l-arja fid-djar b'qawwa ([42]) u prestazzjoni baxxa (<*12 kW output cooling power*) u l-użu kbir tagħhom fil-perijodu sajfi.

(30) Id-Direttiva 2005/32/KE.
(31) Id-Direttiva 2006/32/KE.
(32) Id-Direttiva 92/42/KEE.
(33) Id-Direttiva 2006/1005/KE.
(34) Id-Direttiva 92/75/KEE.
(35) Id-Direttiva 96/57/KEE.
(36) Id-Direttiva 2000/55/KE.
(37) Ara, fost l-oħrajn, l-Italja....
(38) Ara opinjoni motivata mibgħuta lil Franza u lill-Latvja is-16.10.2007....
(39) *Overview on Energy Consumption and Saving Potentials — Carsten Petersdorff, Ecofys ECOFYS GmbH, Eupener Straße 59, 50933 Cologne, il-Ġermaja.* Mejju 2006.
(40) Fir-rigward tal-kontenut enerġetiku tal-karburant użat, it-telf komplessiv fl-enerġija huwa ta' 35 % għas-sistemi li għandhom prestazzjoni aħjar, u ta' 77 % għal dawk li huma inqas effiċjenti.
(41) Konsum totali ta' l-elettriku maqsum fuq in-numru tal-familji.
(42) Għal dan it-tip ta' tagħmir, il-Kummissjoni Ewropea adottat f'Marzu 2002 direttiva (2002/31/KE) li l-applikazzjoni tagħha ġiet iffissata għal-Ġunju 2003, u mbagħad posposta għas-sajf ta' l-2004, sabiex jidħol fl-użu tagħmir aktar effiċjenti. B'mod partikolari l-indiċi ta' l-effiċjenza enerġetika stabbilita għall-kondizjonaturi ta' l-arja ta' daqs żgħir, ta' klassi A kien ta' 3.2. Madankollu fuq is-suq diġà hemm mudelli b'indiċi ta' effiċjenza enerġetika ogħla minn 4 sa 5.5, fil-każ ta' l-aħjar mudelli. Dan ifisser li d-diffużjoni ġeneralizzata tal-klassi A m'għadux objettiv ambizzjuż, iżda jfisser ukoll li l-possibbiltà ta' frankar żdiedet ħafna, peress li fis-suq Ewropew għadhom mifruxa ħafna l-mudelli tal-klassi D u E b'indiċi ta' effiċjenza ta' madwar 2.5.

3.2.3.3 Il-konsum residenzjali ta' l-elettriku għall-ikkondizzjonar ta' l-arja — li għalih tapplika d-direttiva 2002/31/KEE — ġie stmat fl-2005 li fil-medja jlaħħaq madwar 7-10 TWh fis-sena fl-Ewropa tal-25 ([43]) Barra minn hekk, ta' min wieħed jinnota li fl-Ewropa t-tagħmir il-ġdid multi-media, il-kompjuters, il-printers, l-iscanners, il-modems u iċ-ċarġers taċ-ċellulari li jkunu permanentement mqabbda ma' l-elettriku jikkunsmaw 20 % tal-konsum tad-dawl tal-familji.

3.3 *Xi paraguni internazzjonali*

3.3.1 **Fil-Ġappun** il-konsum ta' l-enerġija huwa ta' madwar 6 % tal-konsum dinji u minn ċertu żmien-il hawn, ġew adottati xi miżuri, speċjalment fil-qasam tat-trasport u tal-bini, sabiex ifittxu li jnaqqsu dan il-konsum u l-emissjonijiet tas-$CO_2$ li jirriżultaw minnu peress li s-settur residenzjali jirrappreżenta madwar 15 % tal-konsum totali.

3.3.2 Fis-settur residenzjali, l-iffrankar ta' l-enerġija primarja, it-tnaqqis ta' l-emissjonijiet tas-CO2 u l-iffrankar ta' l-ispejjeż enerġetiċi li joħorġu minn miżuri ta' effiċjenza enerġetika tal-bini, huma stmati għal 28 %, 34 % u 41 % rispettivament ([44]). L-istandards Ġappuniżi ta' effiċjenza enerġetika fil-bini residenzjali ([45]) ġew riveduti fl-1999 u jinkludu kemm livelli ta' prestazzjoni kif ukoll livelli preskrittivi: l-għan hu li dawn l-istandards jiġu applikati kompletament, minn iktar minn 50 % tal-bini l-ġdid.

3.3.3 Il-metodu Ġappuniż ta' valutazzjoni flimkien ta' l-istrutturi u tat-tagħmir tad-dar użat għandu il-karatteristiċi li ġejjin:

a) il-valutazzjoni ta' l-effiċjenza enerġetika ta' l-istrutturi tal-bini u tat-tagħmir domestiku;

b) il-valutazzjoni ta' l-effiċjenza enerġetika fid-dar kollha, bl-użu tal-konsum enerġetiku totali, li jispeċifika l-konsum għall-arja kondizzjonata, is-sħana ta' l-ilma, d-dawl, u t-tagħmir ta' ventilazzjoni, **fil-mument tal-kostruzzjoni;**

c) il-valutazzjoni ta' l-effiċjenza f'dak li jirrigwarda l-arja kondizzjonata, is-sħana ta' l-ilma, d-dawl, u t-tagħmir ta' ventilazzjoni, **waqt il-ħin ta' użu effettiv;**

d) it-teħid ta' kejl dettaljat ta' l-effiċjenza, waqt l-użu effettiv tad-djar il-ġodda, sabiex jintlaħqu l-livelli ta' ffrankar previsti, fl-2010.

([43]) Ara n-nota 37 f'qiegħ il-paġna.

([44]) Energy efficiency standard as measured by Japan's "CASBEE" rating.

([45]) Sors: From Red Lights to Green Lights: Town Planning Incentives for Green Building presentation to the "Talking and walking sustainability international conference, February 2007 Auckland. Awtur: Is-sur Matthew D. Paetz, Planning Manager, BA, BPlan (Hons), MNZPI. Ko-awtur: Is-sur Knut Pinto-Delas, Urban Designer, Masters of Urban Design (EIVP, Pariġi)"

3.3.4 **Fl-Istati Uniti,** b'konformità mal-Kapitoli ddedikati għall-bini residenzjali ta' l- International Energy Conservation Code (IECC ([46])), fl-1987 ([47])kienu diġà ġew stabiliti livelli minimi ta' effiċjenza għal-tnax-il tip differenti ta' tagħmir domestiku residenzjali, li huma l-bażi ta' ħafna mill-Kodiċi ta' l-enerġija ta' l-Istati Federali.

3.3.5 Il-kontroll ta' l-effiċjenza enerġetika fil-bini hija r-responsabbiltà ta' l-Istati individwali u f'ħafna każi tal-kontej, anke wara l-adozzjoni ta' l- Energy Policy Act del 2005, (EPACT) li tinkoraġġixxi lill-proprjetarji tal-bini kummerċjali, bi tnaqqis mgħaġġel fit-taxxi, sabiex japplikaw sistemi ta' efficienza energetica għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-karburanti fossili.

3.3.6 Il-mudell tal-Kodiċi ta' l-enerġija (MEC) ([48]) żviluppat fuq il-bażi tal-IECC fis-snin 80, u aġġornat regolarment, sa' l-aħħar ta' l-2006, ġie akkumpanjat mid- DOE's Building Energy Codes Program, tad-Dipartiment Federali ta' l-Enerġija, bir-responsabbiltà li jippromwovi kodiċi ta' l-enerġija tal-bini dejjem jitjiebu u li jassisti lill-Istati Federali fl-adozzjoni ta' l-applikazzjoni ta' dawn il-kodiċi, li jiġu riveduti regolarment:

— għar-ridefinizzjoni taż-żoni klimatiċi,

— għass-semplifikazzjoni tar-rekwiżiti obbligatorji,

— għall-eliminazzjoni tad-definizzjonijiet li m'għadhomx fl-użu, li huma superfluwi jew kuntradittorji.

3.3.7 Fl-2007 ġie ppreżentat proġett ta' liġi federali, ta' l-Energy Efficient Buildings Act, bil-għan li:

— jistabbilixxi programm pilota sabiex jingħataw għotjiet lill-intrapriżi u lill-organizzazzjonijiet, għal bini ġdid jew proġetti ta' ristruttruazzjoni fuq bini eżistenti, b'teknoloġiji ta' l-enerġija effiċjenti;

— jiġu kkunsidrati proposti għall-kostruzzjoni mmirati lejn nies bi dħul baxx;

([46]) ĠAPPUN: Law Concerning Rational Use of Energy, LEGGE No. 49 tat-22 ta'Ġunju 1979)

([47]) USA: Residential Energy Code Compliance — IECC 2006 on the residential requirements of the 2006 International Energy Conservation Code., http://www.energycodes.gov/

([48]) USA: the National Energy Policy and Conservation Act (NEPCA) 1987
Fl-Amerika 63 % ta' l-Istati adottaw il-kodiċi MEC għall-bini residenzjali u 84 % adottaw l-istandard ASHRAE/IES 90.1-2001 għall-bini kummerċjali, standard tekniku żviluppat mill-American Society of Heating, Refrigerating and Air-Conditioning Engineers — ASHRAE u l-Illuminating Engineering Society of North America — IES/IESNA. CFR. HTTP://WWW.ASHRAE.ORG/ E http://www.greenhouse.gov.au/buildings/publications/pubs/international_survey.pdf

— jingħataw definizzjonijiet ċari ta' "enerġy efficient building" jiġifieri ta' bini li, wara li jinbena jew jiġi ristrutturat, juża sistemi ta' tisħin, ventilazzjoni u kondizzjonament ta' l-arja li huma 'l fuq jew taħt il-livelli ta' l- Energy Star standards, jew li, fil-każ li dan ma jkunx applikabbli, jużaw prodotti ta' tisħin, ventilazzjoni u ta' kondizzjonament ta' l-arja, rakkomandati mill- Federal Energy Management Program.

3.3.8 Skond id-Dipartiment Federali ta' l-Enerġija DOE, id-disinn ta' bini ġdid aktar komdu u effiċjenti jista' jnaqqas l-ispejjeż ta' tkessiħ u ta' tisħin b'50 %, u l-integrazzjoni tal-kodiċi ta' l-effiċjenza fil-bini jista' joħloq xogħol ġdid fil-qasam tal-bini, ir-ristrutturazzjoni u l-inġinerija ta' l-impjanti.

4. **Kummenti ġenerali**

4.1 Il-Kumitat esprima ruħu f'diversi okkażjonijiet dwar il-ħtieġa li jsir iffrankar ta' l-enerġija li jkun sinifikanti u sostenibbli, bl-iżvilupp ta' tekniċi, prodotti u servizzi b'konsum baxx ta' l-enerġija u dwar il-ħtieġa li tinbidel l-imġiba b'tali mod li tnaqqas il-konsum ta' l-enerġija filwaqt li tinżamm l-istess kwalità tal-ħajja.

4.2 Il-Kumitat jagħraf li l-prestazzjoni enerġetika tikkontribwixxi b'mod sostanzjali lejn il-ħarsien tal-klima u ż-żamma ta' l-impenn li l-UE ħadet fi Kyoto sabiex tnaqqas l-emissjonijiet u jirrakkomanda li jiżdiedu l-inizjattivi mmirati lejn il-konsumaturi.

4.3 Il-Kumitat iqis li biex jikber l-iffrankar ta' l-enerġija fil-bini ikun jaqbel li jsir eżami ddettaljat ta' x'inhuma l-ostakoli li fixklu l-implimentazzjoni tad-direttiva EPBD u, li madankollu, li jkun hemm perjodu ta' transizzjoni li jista' jkun ta' madwar 10 snin sabiex iċ-ċertifikazzjoni tal-bini kollu eżistenti ssir obbligatorja, li jidħol fil-qasam ta' l-applikazzjoni tad-direttiva.

4.4 Diġà fl-2001, il-KESE fl-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tad-direttiva EPBD, filwaqt li tenna l-appoġġ tiegħu għall-inizjattiva tal-Kummissjoni u għall-intenzjoni tagħha li tiżviluppa metodoloġija komuni, fil-qasam ta' l-assessjar u l-kontroll kostanti tal-prestazzjoni enerġetika tal-bini, fost l-oħrajn kien enfasizza li ta' min **"Jiġu evitati limitazzjonijiet insostenibbli għall-Istati Membri quddiem il-kompetizzjoni internazzjonali" u li "Ma jintefgħux fuq il-proprjetarji li jgħixu jew jikru post, piżijiet eċċessivi meta mqabbla mal-mezzi tagħhom effettivi, bir-riżultat li l-objettivi tad-direttiva jispiċċaw fix-xejn u jwasslu sabiex iċ-ċittadini jirrifjutaw l-għaqda Ewropea"** [49].

4.5 Il-KESE iqis li huwa importanti li jekk titwessa' l-EPBD din tkun tinkludi l-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema tal-bini, sabiex turi l-impatt tiegħu fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tal-karbonju, li b'hekk tippermetti lill-konsumaturi u l-awtoritajiet responsabbli mir-regolamentazzjoni li jkollhom idea aktar ċara tal-konsegwenzi, fejn jidħlu l-emissjonijiet tal-karbonju, tal-prodotti li huma ppjanati li jintużaw mis-sistema tal-bini.

4.5.1. Jekk il-leġislazzjoni Komunitarja dwar dan is-suġġett titwessa, tkun trid tiġi vvalutata għall- impatt li jkollha minħabba l-effetti tagħha fuq is-swieq, u l-ispejjeż għall-konsumaturi — kemm jekk huma proprjetarji jew ikunu qiegħdin jikru.

4.5.2. Wieħed irid jiżgura li l-miżuri mixtieqa sabiex itejbu l-iżolament tas-sħana jippermettu tibdil suffiċjenti ta' l-arja u tal-fwar ta' l-ilma, jevitaw l-umdità u ma jwasslux għal ħsara fil-bini, per eżempju billi titrabba l-moffa.

4.6 Kif il-Kumitat diġà wera [50], "L-interventi mmirati għall-promozzjoni ta' l-effiċjenza enerġetika jvarjaw b'mod konsiderevoli skond il-kundizzjoni lokali u l-miżuri li jkunu ttieħdu sa dak il-ħin, li l-effett tagħhom fuq is-suq intern jidher li kien modest. Għalhekk huwa importanti, fuq il-bażi tal-prinċipju tas-sussidjarjetà, li l-azzjonijiet ulterjuri fil-livell komunitarju jġibu vantaġġi reali".

4.7 Il-proċess ta' ċertifikazzjoni jrid jiġu akkumpanjat minn programmi pubbliċi ta' promozzjoni, sabiex ikun hemm garanzija ta'aċċess ekwu għat-titjib fil-prestazzjoni enerġetika, b'mod partikolari fil-każ tal-bini li jintuża bħala residenza, mibni jew mmexxi fil-kuntest tal-politika soċjali tad-djar.

4.8 Il-manutenzjoni regolari, minn persunal kwalifikat, tal-boilers, sistemi ta' kondizzjonar ta' l-arja u ta' sistemi oħra għall-enerġija alternattiva, tikkontribwixxi lejn il-garanzija ta' regolamentazzjoni korretta, skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott u għalhekk tiżgura prestazzjoni ottimali.

4.9 Il-Kumitat, fid-dawl ta' l-esperjenzi pożittivi ta' xi Stati membri, u wara r-riżultati ta' l-aħħar snin, fl-applikazzjoni importanti ta' politiki komunitarji, jissuġġerixxi xi miżuri li jistgħu jkunu utli sabiex jippromovu l-effiċjenza enerġetika b'mod ġenerali, u fil-bini b'mod partikolari:

— pariri dwar l-użu ta' l-enerġija b'xejn,

— krediti fiskali u/jew sussidji li jippermettu li jsir "awditjar ta' l-użu ta' l-enerġija",

— ħelsien mit-taxxa għall-konsum ta' karburanti għat-tisħin, l-elettriku u t-tħaddim tal-muturi,

— ħelsien mit-taxxa għax-xiri ta' teknoloġiji effiċjenti mil-lat enerġetiku u ambjentali,

(49) Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-prestazzjoni ta' l-enerġija tal-bini" fil-ĠU C 36/20 tat-8.2.2002 (dokument mhux misjub bil-Malti)

(50) Opinjoni dwar l-effiċjenza fl-użu aħħari ta' l-enerġija u s-servizzi enerġetiċi, rapporteur: is-Sinjura Sirkeinen fil-ĠUĊ 120 ta' l-20.5.2005 p.115.(dokument mhux misjub bil-Malti)..

— self b'rati baxxi għax-xiri ta' tagħmir u impjanti effiċjenti fl-użu ta' l-enerġija (per eżempju boilers li jaħdmu bil-kondensazzjoni, termostati individwali...),

— self b'rati baxxi ta' l-interessi għal xogħolijiet permezz ta' l-ESCOs,

— għajnuna jew tnaqqis mit-taxxa għall-investimenti f'attivitajiet ta' riċerka u żvilupp jew fi proġetti pilota, bl-iskop li tiġi promossa d-disseminazzjoni tat-teknoloġiji l-ġodda mmirati li jtejbu l-effiċjenza enerġetika fil-bini,

— għajnuna għall-familji li għandhom dħul baxx u għall-pensjonanti sabiex itejbu l-effiċjenza enerġetika ta' l-abitazzjoni,

— self fit-tul b'rati ta' interessi baxxi, sabiex itejbu l-effiċjenza enerġetika tal-bini.

4.10 Il-Kumitat iqis li huwa essenzjali għall-utenti, li jiġu ffaċċjati b'mod aktar dirett il-problemi ta' l-informazzjoni u ta' l-iffinanzjar, sabiex jiġu żviluppati metodi innovattivi: **huwa indispensabbli li l-proprejtarji u dawk li qegħdin jikru ma jqisux dawn il-miżuri komunitarji ġodda bħala taxxa ġdida li qed tiġi imposta fuq xi assi primarju bħalma hi d-dar.**

4.11 Ir-rispett tal-Protokoll ta' Kyoto u l-iffrankar ta' l-enerġija ma jridx jidher bħala trasferiment sempliċi ta' spejjeż akbar, mill-industriji li jipproduċu l-enerġija fuq l-utenti u ċ-ċittadini Ewropej.

4.12 Sabiex jiġu llimitati l-piżjiet fuq il-proprjetarji individwali, il-Kumitat iqis li, meta jkun possibbli, iċ-ċertifikazzjoni trid tiġi effettwata għall-bini kollu kemm hu, permezz ta' kampjun ta' appartamenti, u jkun jista' jservi ta' ċertifikat għall-appartamenti individwali.

4.13 Il-ħolqien ta' sit web, promoss mill-Kummisssjoni, b'links mas-siti nazzjonali, tista' tkun utli biex jingħelbu l-ostakoli ġuridiċi, istituzzjonali, tat-tmexxija u tekniċi li jtellfu minn aċċess li jkun user-friendly għall-utenti.

4.14 Il-Kumitat jitlob lill-amministrazzjoni tal-KESE sabiex tinvestiga x'jista' jagħmel il-KESE sabiex itejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija fil-bini tiegħu stess. L-eżempju tad-"Dar ta' l-Enerġija Rinnovabbli" fi Brussell juri li jista' jsir titjib sinifikanti b'mod li hu kost-effettiv. Il-KESE għandu jagħti eżempju tajjeb.

Brussell, l-14 ta' Frar 2008.

Il-President

tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

Dimitris DIMITRIADIS